# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001

**Numru 5**

**Cit. Nru. 610/93 L3**

**Gemma Falzon f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Matthew Falzon**

**vs**

**Stephen Falzon**

Il-konvenut fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghamel rikors biex din il-Qorti joghgobha tissospendi l-effetti tas-sentenza taghha ta' l-1 ta' Dicembru, 2000, li taghha hu kien qed jitlob is-smiegh mill-gdid, u dana pendenti s-smiegh tar-rikors ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dik is-sentenza.

Jidher li r-rikorrent biex jaccerta ruhu li s-sentenza ta' din il-Qorti, ta' l-1 ta' Dicembru, 2000, ma tigix moghtija effett pendenti l-proceduri ghal

smiegh fil-gdid tal-kawza, mhux bissipprezenta rikors biex il-Qorti tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza, imma wkoll rikors iehor – dak issa taht ezami – li bih talab lill-Qorti tissospendi l-effetti tas-sentenza pendenti s-smiegh tar-rikors ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni taghha.

Billi llum stess din il-Qorti qeghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza billi b'sentenza taghha tallum kienet qeghda tichad it-talba ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza, ma jidhirx li hemm lok ghall-provvediment fuq ir-rikors taht ezami. Dan ghaliex kjarament f'kull kaz is-sentenza taghha ta' l-1 ta' Dicembru, 2000, kienet immedjatament ezegwibbli bhala konsegwenza tad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-mertu, u l-ebda talba da parti tal-konvenut rikorrent ma setghet issa twaqqaf l-esekuzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi anke fuq dan ir-rikors din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ghar-rikorrent.

Dep/Reg

mm